Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tas-27 ta' Novembru 2007 — Eurostrategies vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-122/07 P)

"Appell — Digriet ta' tħassir ta' kawża — Rinunzja għall-atti — Spejjeż"

Appell — Suġġett — Appell li jirrigwarda biss il-kundanna għall-ħlas ta' l-ispejjeż u l-ammont tagħhom — Inammissibbiltà (it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 58 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 119) (ara l-punti 24, 25)

Suġġett

Appell mid-digriet tal-President tar-Raba' Awla tal-Qorti tal-Prim'Istanza, ta' l-1 ta' Diċembru 2006, Eurostrategies vs Il-Kummissjoni (T-203/06) li jordna t-tħassir tal-kawża mir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza u jikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Dispożittiv

1) L-appell huwa miċħud.

2) Eurostrategies SPRL hija kkundannata għall-ispejjeż.